

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Appellant:* RF

*Appellat:* Finanzamt G

**Domanda preliminari**

Id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 4(3) tat-Trattat UE u tal-Artikoli 208 u 210 tat-Trattat FUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu prassi amministrattiva nazzjonali li abbażi tagħha ma jkunx hemm rinunzja għat-taxxa jekk proġett ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ikun iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp filwaqt li, taħt ċerti kundizzjonijiet, ikun hemm rinunzja għat-taxxa fuq is-salarju li l-ħaddiem jirċievi abbażi ta' kuntratt tax-xogħol għal attività marbuta mal-għajnuna pubblika għall-iżvilupp ipprovduta mill-Ġermanja fil-kuntest tal-kooperazzjoni teknika jew finanzjarja, li hija tal-inqas 75 % iffinanzjata minn ministeru federali responsabbli għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp jew minn kumpannija privata tal-għajnuna għall-iżvilupp li hija proprjetà tal-Istat?

**Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fl-10 ta' Jannar 2022 – Caxamar – Comércio e Indústria de Bacalhau SA vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

(Kawża C-23/22)

(2022/C 165/35)

*Lingwa tal-kawża:* il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Caxamar – Comércio e Indústria de Bacalhau SA

*Konvenut:* Autoridade Tributária e Aduaneira

**Domanda preliminari**

L-interpretazzjoni korretta tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali mill-Istat għall-2014-2020, moqrija flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014<sup>(1)</sup> tas-16 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, b'mod speċifiku l-Artikolu 1 u l-punt 11 tal-Artikolu 2 tiegħu, mar-Regolament (UE) Nru 1379/2013<sup>(2)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, kif ukoll mal-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tippermetti l-konklużjoni li, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 22(1) tal-Código Fiscal do Investimento (il-Kodiċi Fiskali dwar l-Investment), approvat permezz tad-Digriet Liġi Nru 162/2014 tal-31 ta' Ottubru 2014 u l-Artikolu 1 u 2 tad-Digriet Ministerjali Nru 282/2014 tat-30 ta' Diċembru 2014, l-attività ta' pproċessar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura relatati mal-“bakkaljaw immellaħ”, “bakkaljaw iffriżat”, u “bakkaljaw imlaħħ mill-melħ”, li jaqgħu taħt il-Kodiċi ta' Attività Ekonomika 10204Rev3, ma hijiex attività ta' pproċessar ta' prodott agrikolu għall-finijiet tal-għoti tal-għajnuna fiskali kkontemplata?

<sup>(1)</sup> ĠU 2014, L 187, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU 2013, L 354, p. 1.